# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 1748

KAZ NRU : 2286CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

**Miriam Reid (ID 383757M)**

u

**Kestrel Services Ltd C12983**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*.

Illum il-Gimgha 15 ta' Dicembru 2006

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**1. Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet rriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ipprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fil-25 ta' Mejju 2005 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellanta Ms Miriam Reid kienet assistita mill-Avv Dr Stefan Zrinzo Azzopardi LL.D. u s-socjeta intimata kienet rapprezentata mis-Sur Charles Stivala, Managing Director, assistit mill-Avv Dr George Hyzler LL.D.

It-Tribunal zamm tnax-il (12) seduti.

**2. Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| Miriam Reid | l-Appellanta |
| Andrew Vella | Impjegat |
| Sandy Lee Rose | Residenta |
| Peter Gauci Maistre | Customer-Care Co-ordinator |
| Rita Ripard | Co-ordinator |
| Francis Stivala | Managing Director |

**3. Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

**4. L-Istorja**

Miriam Reid kienet giet impjegata fil-5 ta' Awissu 2002 ghal zmien stabbilit sa Novembru 2004 u awtomatikament imgeddet sa Novembru 2005 bhala "Custodian" f'Hibernia House b'salarju ta' Lm4120 fis-sena u Lm 220 kull sena bhala bonus. Hi tterminat l-impieg taggha fis-16 ta' Marzu 2005 wara li ma qablitx li tahdem taht Mrs Ripard u ddikjarata "resigned" mis-Sur Stivala, Managing Director ta' Kestrel Services Ltd. Il-formola tat-*termination* ta' l-impieg ta' l-ETC kien jiddikjara bhala raguni "resigned". Mrs Reid sostniet li kellha tiehu flus dovuti lilha bhala salarju, *bonuses* u *leave*.

**5. Sottomissjonijiet**

Mrs Reid irritenniet li hi ma rrizenjatx izda ma kinitx lesta tahdem ma' Mrs Ripard, li giet impjegata biex tissupervizja lilha. Il-Managing Director sostna li ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jittermina l-impieg ta' Mrs Reid wara li ma riditx tahdem

kif iddecieda l-Management u jiddikjarha “resigned”. Il-flus dovuti lilha ma thalsux ghax Mrs Reid, l-appellanta irrifjutat li tmur ghalihom u tifferma t-*termination form* ta’ l-ETC.

Mrs Reid stqarret li marret kemm-il darba biex tiehu l-flus izda ma thallitx tidhol tkellem lis-Sur Stivala. Is-Sur Stivala minn naha tieghu stqarr li halla aktar minn xahar biex forsi l-appellanta tibdel fhemitha izda wara dan kellu jibghat il-*form* ta’ l-ETC li ggib il-firma tal-Financial Controller bid-data 16 ta’ Marzu 2005.

**6. Kunsiderazzjonijiet**

Li jrid jghamel it-Tribunal hu li jikkunsidra u jiddeciedi jekk ir-rizenja ta’ l-appellanta kinitx wahda volontarja jew sfurzata. Li l-appellanta irrizenjat ma hemmx dubbju; tinsab irrekordjata ghal aktar minn darba. Li jrid jara t-Tribunal hu jekk kienx hemm cirkustanzi jew mizuri li rrendew ir-rizenja tkeccija.

Jibda t-Tribunal biex jirrimarka li l-kwistjoni sehhet meta hadet xi gimghat ta’ *leave* u meta rritornat sabet lil Mrs Ripard tissorveljala xogholha u dehrilha li kellha tirrizolvi din il-problema mal-Managing Director is-Sur Stivala.

Intqal li Mary Ripard ma gietx impjegata biex tiehu post Mrs Reid izda biex timmanigja post fi blokk gdid tas-socjeta. Izda jistaqsi t-Tribunal kif waslet is-socjeta biex Ripard tissorvelja lil Mrs Reid, jekk mhux bi struzzjonijiet li tghamel hekk mis-socjeta? Intqal ukoll li s-socjeta kellha d-dritt li tissorvelja lill-impjegati taghha, nkluza Mrs Reid.

Possibbilment is-socjeta ma ndunatx li dan l-agir direttament jew indirettament bi skop genwin jew m’huwiex irrenda l-pozizzjoni ta’ Mrs Reid impossibbli li taccetta meta l-pozizzjoni taghha sfat “untenable” u rrendiet l-istatus taghha ampjament kompromess. Wiehed ma jridx jinsa li l-ingaggar ta’ Ripard sar meta Mrs Reid kienet bil-*leave*, andament li jpoggi l-kaz kollu taht suspett.

It-Tribunal jifhem li l-Management ghandu d-dritt li jissorvelja l-impjegati izda f'dan il-kaz kien jistenna lis-Sur Stivala jghamel dan il-pass fil-prezenza ta' l-appellanta u stenniha tirritorna mill-*leave*. Ghar minn hekk naqas li jiddiskuti din il-problema ma' l-appellanta u baqa ma tax widen ghall-*complaints* taghha. Jekk veru kienet "Custodian" ta' Hibernia House Mrs Reid kellha kull dritt thares l-interessi taghha daqs is-Sur Stivala, li bhala Manager kien imissu kien konverzanti mal-procedura. Kien ukoll zbaljat meta ppretenda li tiffirma l-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg u jhallasha ta' xogholha. Veru li s-Sur Stivala kien intitolat jiehu l-passi kollha biex ihares l-interessi tas-socjeta izda fl-istess hin ried ukoll anzi kellu d-dover li ma jinjorax id-drittijiet ta' l-appellanta. Jekk kien hemm xi dubbju dwar it-trattament tieghu spjegat fl-istatement of case meta semma numru ta' nuqqasijiet li allega l-appellanta kkomettiet fid-doveri taghha; indikazzjoni cara li l- iskop kien li jehles mill-appellanta.

Li jghid issa li ma kellu l-ebda hsieb jisforza lil Mrs Reid titlaq billi tirrizenja minflok ma jkecciha ma jidhirx plawsibbli. Wiehed irid jifhem li l-pressjoni fuq individwu biex jirrizenja tista tkun taht modi differenti. Hi naqset minn xi doveri elenkati fl-istatement of case. Hija haga komuni, izda jekk is-Sur Stivala jew ahjar is-socjeta dehrilha li dawn in-nuqqasijiet kienu gravi, l-ewwel ma missux geddilha f' Novembru 2004 il-kuntratt ghall-sentejn ohra. Meta ghamel hekk deherlu li almenu kienet efficcjenti u soportabbli.

Imma t-Tribunal jsib li n-nuqqas ta' qbil kien fl-ingaggar ta' Mrs Rita Ripard fl-assenza taghha (Mrs Reid) u fuq xogholha. Jekk veru s-Sur Stivala ried lil Mrs Reid tibqa fl-impieg seta solva l-problema; izda l-fatti jindikaw li uza l-insistenza li tifferma l-forma ta' l-ETC biex tikkonferma r-rizenja, indikazzjoni li ried tikkonfermalu r-rizenja bil-firma taghha.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, isib dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati aktar 'l fuq, li l-uzu ta' Mrs Ripard li tissorvelja lil Mrs Reid kien il-kagun li Mrs Reid ikkonkludiet li dan qered il-fiducja bejna u l-Managing Director, sitwazzjoni li rrendiet lill-appellanta Mrs Reid inkapaci li tkompli fl-impieg ma' Kestrel Services Ltd. It-Tribunal jifhem li jekk dan il-pass ta' Mrs Reid kienet imnizzla bhala rizenja din kienet rizenja sfurzata mid-decizjoni originali li Mrs Ripard tissorvelja x-xoghol ta' l-appellanta u ghalhekk tintitolha li tikklejmja temm ta' l-impieg ingust.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellanta Mrs Reid ghandha dritt ghall-hlas ta' kumpens li jkun fis-somma ta' elf seba mija u hmistax il-lira (Lm1715) Maltin fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni. Dan il-kumpens ikopri wkoll dawk il-flus li kienet intitolata ghalihom qabel it-tmiem ta' l-impieg.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------------

Carmel Debono

Chairman